MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru 506/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef-Grimaud)**

**versus**

**Anthony Fenech.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Anthony Fenech ta' 49 sena, bin il-mejjet Paul u maria nee' carabott, imwieled Ħal-Qormi fit-18 ta' Novembru, 1955 u joqgħod 29 Claudine House Triq il-Prinjol Attard detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 838455(M)

Akkużat talli

(a) Fit-3 ta' Ġunju, 2005 għall-ħabta tal-9.45pm ġewwa Putirjal il-Furjana, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża ta'

natura gravissima permezz ta’ arma regolari, inkella bi strument li jaqta’ jew iniggeż**, u dan fuq il-persuna ta’ Charles Cassar;**

(b) Ukoll talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess tiegħu arma, cioe’ sikkina li taqta’ u bil-ponta u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap 66 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(ċ) Ukoll talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna, u cioe’ kontra Charles Cassar, kellu fuq il-persuna tiegħu arma regoalri, sikkina, u dan bi ksur tal-artikolu 26 tal-Kap 66;

(d)Talli wkoll fl-istess jum, lok, ħin u ċirksotanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew mod ieħor;

(e) Ukoll talli fl-istess jum, lok, ħin u cirkostanzi inġurja jew hedded lil Charles Cassar, jew jekk kien ipprovokat inġurja b’mod li ħareġ barra mil-limit tal-provokazzjoni.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat rilaxxjat mit-Tabib Dr Patrick Farrugia (fol 14), il-current incident report (fol 20), iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 8384 tas-sena 1955 (fol 33), l-istqarrija tal-imputat a fol 34, id-dokument ST 2 a fol 45, il-fedina penali ta’ Anthony Fenech a fol 51, l-artikoli mibgħtuin mill-Avukat Ġenerali a fol 55, il-kunsens tal-imputat sabiex jibqa’ jkun iġġudikat minn din il-Qorti, u d-dokument IPD a fol 91 u 92.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tad-difiża li fiha rremmetiet ruħha għall-provi.

Ikkonsidrat.

5. Skond it-Tabib Dr Patrick Farrugia, meta eżamina lil Charles Cassar fit-3 ta’ Ġunju 2005, dan tal-aħħar kellu qatgħa fonda fuq in-naħa ta’ ġewwa ta’ idu l-leminija. Ma

setax jċaqlaq subgħu ż-żgħir u r-raba' sebgħa u kellu jinżamm biex issirlu operazzjoni żgħira. Il-qatgħa saret b'xi ħaġa li taqta' iżda x-xhud ma setax jgħid biex kienet saret. Il-ferita kienet fonda li kellha bżonn operazzjoni għaliha. L-għeruq tar-raba' u tal-ħames sebgħa kienu maqtugħin. ( Ara d-dokument PF a fol 14).

6. PS 1417 Stephen Turpey xehed li fit-3 ta' Ġunju 2005 għall-ħabta tal-9.45pm kien mar City Gate fejn sab persuna li kienet qalgħet daqqa ta' strument li jaqta'. Dan ittieħed l-Isptar.

7. L-imputat għarraf lil dan ix-xhud li filgħodu kien tefa' 'l barra mill-ħanut ċerta Maria Belaub. Wara nofs in-nhar kien ċempillu Charles Cassar u beda jheddu. Filgħaxija, għall-ħabta tal-9.45pm waqt li kien qiegħed fil-karozza tiegħu nru BBH 327 Toyota kienet ċemplitlu persuna u qaltlu li Charles Cassar kien ġej hemm hekk għalih. Charles Cassar wasal u beda joffendi lill-imputat u jxejjer bil-ponn.

8. L-imputat ħareġ mill-karozza u beda jagħti bi ħġieġa li kien sab mal-art.

9. Iżda l-vittma kien allega mal-Pulizija li l-imputat kien tah b'daqqa ta' sikkina kbira. Kienet instabet sikkina iżda l-imputat kien ammetta biss li s-sikkina kienet tiegħu iżda mhux li tah biha. Is-sikkina ma kellha ebda tiċpis ta' demm. **Illum jeżistu testijiet li jekk id-demm ikun intemsaħ, xorta jibqa' jidher.**

10. PC 79 Antoine Grixti xehed li kien irċieva telefonata li għarrfitu li kien hemm persuna b'idejha mimlija demm u li kienet ġiet feruta b'xi sikkina. Ħdejn il-Funtana ta' Putirjal sabu lill-allegat vittma Charles Cassar jitkellem ma' żewġ Pulizija b'id waħda mimlija demm. Charles Cassar beda jgħid li l-imputat kien tah daqqa ta' sikkina f'idejh.

11. PC 594 Robert Saliba xehed li meta wasal ħdejn il-Funtana sab lil Charles Cassar bid-demm ħiereġ minn idu li allega li kein weġġgħu l-imputat.

12. L-Ispettur Pierre Micallef Grimaud xehed li kein sar inċident ħdejn id-Diana Kiosk li huwa propjeta' tal-imputat. Fil-vettura tal-imputat ma kien instab xejn. Iżda fl-akkwati tal-kiosk sabu sikkina qisha tal-laħam iżda ma kellha ebda traċċi fuqha. L-allegat vittma telaqa mill-isptar bla ma ħadd ma nforma lill-Pulizija li kien ħareġ mill-Isptar,. L-Ispttru kien għadu jfittex lill-allegat vittma li ma kellhomx indirizz fiss tiegħu.

**L-Istqarrija tal-imputat.**

13. L-imputat qal li filgħodu kien mar l-għassa jirraporta lill-ex-partner tiegħu għax kienet marret il-ħanut u hedditu. Filgħaxija sar jaf li Charles Cassar kien qed ifittex lill-imputat u dan Charles Cassar kien fis-sakra. Dan wasal ħdejn il-karozza tal-imputat u beda jxejjer u l-imputat beda jxejjer ukoll. L-imputat attakka lilalelgat vittma b'biċċa ħġieġa li kientg ħdejn il-karozza tiegħu. Huwa qal li s-sikkina li kien qed jintwera kienet tiegħu iżda f'dak il-jum ma kienx użaha u qal lill-Ispettur li seta' jieħu l-fingerprints. L-imputat saħaq li hu qatt ma kien uża sikkina iżid biċċa ħġieġa. (Ara fol 36). Charles Cassar beda jagħti bil-ponn u jista' jkun li kellu xi ċavetta għax sab żewġ girfiet mal-bieba.

14. WPC 165 Wendy Aquilina xehdet li l-imputat kien liċenzjat biex iżomm senter for sporting purposes. M'għanux permessi għal xi sikkina.

15. PS 1417 Stephen Turpey xehed li keinu sabu sikkina wara l-gabbana tad-Diana Kiosk waqt li kienet qed issir tfittxija mix-xhud u mill-Ispettur Pierre Micallef Grimaud.

16. Maria Belaub xehdet li waqt il-ġlieda ma kenitx preżenti u dan baqgħet issostnieh diversi drabi. Hija saret taf li Charles Cassar kien ittieħed l-isptar wara li ċemplilha Charles Cassar stess. Hija ma kenitx baqgħet tkellem lil Charles Cassar. Dan Cassar kien qalilha li kien qala' daqqa ta' sikkina.minn għand l-imputat.

17. L-Avukat Ġenerali bagħat is-segwenti artikoli: 214, 218 tal-Kap 9; 13 u 26 tal-Kap 66; 338(m) u 339(1)(e) tal-Kap 9. (Fol 88).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

**L-ewwel imputazzjoni**

18. Mill-provi jirriżulta li l-allegat vittma sofra daqqa li ħalliet ferit fonda f'idejh. Ma kienx ippruvat li din ħalliet xi maraca permanenti għaliex qatt ma reġa' ttella' t-tabib biex jixhed u l-allegat vittma qatt ma deher fil-Qorti għax ma kienx possibbli li jkun intraċċat.
L-imputat stess stqarr li kien huwa stess li ta din id-daqqa b'biċċa ħġieġa u mhux b'xi sikkina. Miċ-ċirkustanzi jidher li l-imputat kien aggredit mill-allegat vittma.

19. Għalkemm l-allegat vittma qatt ma deher jew xehed fil-Qorti **mill-provi** jirriżulta li l-imputat tal-anqas uża arma regolari (biċċa ħġieġa) sabiex għamel ferita gravi f'id Charles Cassar. Jiġifieri l-offiża li sofra l-alelgat vitma saret mill-imputat u mill-imputat biss u mhux minn ħadd ieħor.

20. M'hemmx pero' l-prova li din il-ferita kienet gravissima ai termini tal-artikolu 218.tal-Kap 9 iżda biss waħda gravi ai termini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, reat li huwa involut u kompriż fl-artikolu 218 mogħti mill-Avukat Ġenerali.

21. Il-Qorti, pero' qed tqis li l-imputat kien qed jiddefendi lilu nnifsu għaliex kien l-allegat vittma li mar jaggredih. L-imputat iżda oltrepassa l-limiti u għalhekk japplikaw l-artikoli 230(a) u 231(1)(c) tal-Kap 9 bħala skużanti.

22. Għalhekk il-Qorti mhix issib l-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontrih iżda minflok qed issibu ħati ta' ferita gravi ai termini tal-artikolu 216(1)(b) reat li huwa kompriż u involut fl-artikolu 218 bl-iskużanti kif spjegat fil-paragrafu preċedenti.

**It-Tieni Imputazzjoni**

23. Il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta minħabba li huwa kellu sikkina (li nstabet moħbija) mingħajr ma kellu liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija għal tali sikkina u dan ai termini tal-artikolu 13 tal-Kap 66 kif kien viġenti dak iż-żmien.

**It-Tielet Imputazzjoni**

24. Iżda min-naħa l-oħra qed issib nuqqas ta' provi dwar it-tielet imputazzjoni, jiġifieri li l-imputat kellu an 'arm proper' waqt li kien qed jaggredixxi lill-allegat vittma. Dak li qal Charles Cassart lil xi uffiċjali tal-Pulizija jew lil Marija Belaub huwa hearsay evidenc u l-Qorti qed teskludih. Fl-assenza ta' prova oħra, l-unika waħda li għandha hija dak li ammetta l-imputat stess. Barra dan ma saru ebda provi permezz tal-eżami forensiku tas-sikkina. Għaldaqstant, il–Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.

**Ir-Raba' Imputazzjoni**

25. Din l-imputazzjoni – dwar il-kontravenzjoni tal-ksur tal-mistrieħ tan-nies – ma tirriżultax għaliex ħdejn il-Funtana ma joqogħdux nies. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Il-Ħames Imputazzjoni**

26. Minn imkien ma jirriżulta li l-imputat hedded lill-allegat vittma u għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**27. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214 u 218 tal-Kap 9, l-artikoli 13 u 26 tal-Kap 66, l-artikoli 338(m) u 339(1)(e) tal-Kap 9, (i) ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta iżda minflok issib lill-imputat ħati ta' offiża gravi ai termini tal-artikolu 216(1)(b) liema reat huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni bl-iskużanti ai termini tal-artikoli 230(a) u 231(1)(c) tal-Kap 9; (ii) issibu ħati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta; (iii) u qed tilliberah mit-tielet, mir-raba' u mill-ħames imputazzjoni u, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundannah għal piena ta' priġuenrija ta' xahrejn li għandhom jibqgħu sospiżi sakemm l-imputat ma jwettaqx xi reat fi żmien sena mil-lum u għall-ħlas ta' multa ta' €90 li għandha titħallas minnufih u fin-nuqqas tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros mhux imħallsa. Il-Qorti spjegat lill-imputat xi jfisser l-artikolu 28A tal-Kap 9.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------